# 329. Muża Diżappuntata

Kif kont miexi mar-raħal
jien smajt titħaddet mara,
u tgħid u tirrakonta
il-fatt sabiħ li ġara:

Ir-Re u r-Rejja kienu
fis-sodda mixħutin
ġol-istess kamra, u morda
bil-marda tat-tmenin.

Ir-Rejja mietet; b'mewtha
lir-Re ma qalulux,
u hu lanqas ma ttenda;
nieqes mid-dawl u trux.

'Mma f'daqqa sema' l-qniepen
kif ġew sabiex jeħduha,
ra l-kappillan bil-kappa,
u sema' t-tfal jibkuha.

Jaħasri Karmni mietet!
ħallietni, qal, waħdien;
għaliex m'għidtlix ħa mmutu
u mmorru t-tnejn flimkien!

U kif qal hekk lil rasu
mejjel u miet bla sabar;
u issa sa jidfnuhom
it-tnejn ġol-istess qabar.

Jien smajt u ispirajt ruħi,
il-Muża xegħlet sħiħ,
u xtaqt li nirrakonta
lil dan il-fatt sabiħ

F'xi storja tal-imħabba,
minn dawk li l-bdiewa barra
igħannu qalb it-toroq,
imsieħba mill-kitarra.

Fil-pront waslet mara oħra
li qalet li r-Re miet,
mhux għax mietet ir-Rejja,
imma għax b'dak l-inkwiet

Tawh mediċina b’oħra,
qatlitu dak il-ħin,
u issa biex jidfnuhom
qed jgħaġġlu ma’ xulxin.

U l-Muża tiegħi kesħet,
spiċċat il-fantasija,
l-istorja tal-imħabba,
u flok il-poeżija

tar-Re u r-Rejja kitbet
dan l-avviż żgħir li fih
qed tgħid li duwa b’ieħor
qatel lil wieħed xiħ.